MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 52/2010/1

**Carmen mart Michele Lanteri**

**v.**

**Avukat Ġenerali tar-Repubblika u l-Onor. Ministru tal-Finanzi**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

**1.** Din hi sentenza dwar żewġ appelli, wieħed tar-rikorrenti Carmen mart Michele Lanteri u l-ieħor tal-intimati Avukat Ġenerali tar-Repubblika u tal-Onor. Ministru tal-Finanzi, minn sentenza mogħtija fl-20 ta' Mejju, 2011 mill-

Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li filwaqt li ddikjarat li l-Artikolu 44(3)(4) tal-Kostituzzjoni, kif kien fl-1982, wassal għal diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti appellanti meta din iżżewwget barrani fl-1982 astjeniet milli tipprovdi ulterjorment fuq it-talba attriċi fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 47(8) tal-istess Kostituzzjoni.

**Ir-Rikors Promotorju tal-Gudizzju**

**2.** Bir-rikors tagħha tas-17 ta’ Awwissu 2010 ir-rikorrenti appellanti talbet lill-ewwel Onorabbli Qorti (1) tiddikjara d-deċiżjoni tat-Teżor datata 18 ta’ Marzu 2010 tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi tpoġġiha f’sitwazzjoni diskriminatorja a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u l-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 12 kif ukoll mal-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Kapitlu 318 (*recte* 319) tal-liġijiet ta’ Malta u (2) tordna l-ħlas ta’ kwalunkwe ammont li altrimenti kien ikun dovut lir-rikorrenti nkluża pensjoni li altrimenti kien ikun dovut li ma kienx għat-trattament diskriminatorju fuq imsemmi, bl-ispejjeż u l-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni.

**3.** Il-premessi fir-rikors promotorju tal-ġudizzju li fuqhom ir-rikorrenti appellanti bbażat it-talbiet tagħha huma s-segwenti:

“Illi hija kienet impjegata mad-Dipartiment tad-Dwana mit-3 ta’ Lulju 1969, u kellha tirrezenja mix-xogħol tagħha fis-27 ta’ Frar 1982, u dana peress li żżewġet raġel ta’ cittadinanza barranija. Skond ir-regime tal- liġijiet ta’ dak iż-żmien qatt ma seta’ jiġi kkunsidrat bħala dipendenti ta’ cittadin ta’ Malta kif kien ikun il-każ invers u allura ma seta’ qatt joqgħod f’dawn il-gzejjer jekk mhux taħt il-kundizzjoni ta’ turista. Minħabba dawn ic-cirkostanzi, ir-rikorrenti kellha tallontana ruhha flimkien ma’ żewġħa minn dawn il-gzejjer.

“Illi fis-sena 1989, minħabba tibdiliet fil- liġijiet ta’ Malta u senjatament fil-Kostituzzjoni, ir-rikorrenti setgħet u fil-fatt reggħet irritornat f’dawn il-gzejjer u impjegat ruhha fis-

servizz pubbliku ta' Malta mill-gdid din id-darba mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni."

"Illi fis-16 ta' Frar 2010, ir-rikorrenti irciviet avviz mid-Direttur tas-Sigurta' Soċjali, fejn infurmaha dwar l-ammont ta' pensjoni li hija kellha tircievi u b'invit sabiex tappella lill-Arbitru f'każ li r-rikorrenti ma taqbilx mal-ammont ta' pensjoni ffissata.

"Illi l-esponenti debitament intavolat appell lill-Arbitru tas-Sigurta' Soċjali sabiex tkun ezawriet kwalunkwe tip ta' rimedju ordinarju mogħti fil- liġi.  L-esponenti infurmat ukoll lid-Dipartiment tat-Teżor li permezz ta' ittra datata 18 ta' Marzu, 2010, bagħat jinforma lill-esponenti illi 'ma hix intitolata u s-somma mit-Teżor wahda minħabba li hemm interruzzjoni fis-servizz u dan imur kontra l-Artikolu 8 tar-Regolamenti tal-Ordinanza kif ukoll għaliex giet impjegata mill-gdid fis-servizz pubbliku wara l-14 ta' Jannar 1979'.

"Illi għalhekk huwa effettivament l-esponenti giet imcahhda mill-benefiċċju soċjali u/jew pensjoni minħabba l-fatt li bħala mara li giet biex tiżżewweġ lil persuna li ma hix cittadina Maltija kellha bilfors tirrezenja mix-xogħol.

"Illi għalhekk jirriżulta diskriminazzjoni li ma hix gustifikata minħabba sess meta komparata ma' impjegati ohrajn fl-istess kategorija u kundizzjoni tagħha.

"Illi għalhekk hemm ksur manifest tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 12 kif ukoll mal-ewwel (1) artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Kapitolu 319 tal- liġijiet ta' Malta."

**Ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Ministru tal-Finanzi**

**4.** L-intimati appellati Avukat Ġenerali u l-Ministru tal-Finanzi permezz ta' risposta tas-7 ta' Settembru 2010 wieġbu billi talbu lil din il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti

bl-ispejjeż kontra tagħha u dan għar-ragunijiet premessi fir-risposta tagħhom.

**5.** L-intimati mmotivaw ir-risposta tagħhom għall-appell tal-appellanti kif ġej:

“It-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

“It-talbiet kif intavolati fir-rikors odjern qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara deċiżjoni mehuda mill-esponenti, Ministru tal-Finanzi, tramite d-Dipartiment tat-Teżor bħala leziva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

“L-istess deċiżjoni kienet ibbazata fuq liġi li kienet in vigore dak iż-żmien u l-esponenti qed jissottomettu li b’ebda punt, dik l-istess liġi ma giet applikata b’mod diskriminatorju fil-konfront tar-rikorrenti, kif qed tippretendi l-istess rikorrenti;

“Minħabba f’hekk, l-esponenti jhossu li t-talbiet kif intavolati mir-rikorrenti fir-rikors odjern huma frivoli u vessatorji u għandhom jiġu ddikjarati bħala tali minn din l-Onorabbli Qorti;

“Mingħajr preġudizzju u fil-mertu, l-esponenti jissottometti li s-sitwazzjoni li qed tillamenta minnha r-rikorrenti hija rizultat dirett ta’ operazzjoni tal- liġi kif kienet vigenti f’dak iż-żmien;

“Tant hu hekk illi r-rikorrenti, fuq ammissjoni tagħha stess fil-premessi fir-rikors odjern, meta fl-1989 inbidlet il- liġi, l-istess rikorrenti setgħet irritornat u fil-fatt hekk għamlet u impjegat ruhha fis-servizz pubbliku;

“Bir-rispett kollu, l-allegazzjoni li qed tagħmel ir-rikorrenti u ċioe`’ li kien hemm xi tip ta’ diskriminazzjoni da parti tal-esponenti, Ministru tal-Finanzi tramite d-Dipartiment tat-Teżor, fil-konfront tagħha, filwaqt li qed tiġi miċħuda bl-akbar qawwa, għandha tiġi ssostanzjata billi l-istess rikorrenti ggib provi ta’ tali diskriminazzjoni fejn persuni

f'sitwazzjoni identika bhal tagħha ġew ittrattati b'mod differenti mill-esponenti;

"Jekk ir-rikorrenti tonqos li tagħmel dan, it-talbiet tagħha f'dan ir-rikors, mhux talli għandhom jiġu miċħuda, iżda l-Qorti għandha tammonixxi lill-istess rikorrenti talli għamlet talbiet frivoli u vessatorji fil-konfront tal-esponenti b'telf ta' rizorsi u hin għal kull min hu kkoncernat, inkluza dawk ta' din l-Onorabbli Qorti;

"Mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li l-ewwel ikun hemm rizenja min-naha tagħha skond il- liġi u mbagħad wara seba' (1982 – 1989) snin, tippretendi li tali rizenja qatt ma ezistiet bhalma donnu qed tagħmel irrikorrenti;"

**6.** Din il-Qorti rat l-atti kollha tal-proċess quddiem l-ewwel Qorti inkluża n-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti appellanti (fol 44) li għaliha l-intimati appellati ma ndenjawx ruħhom jirrispondu għalkemm kellhom il-fakulta' li jagħmlu dan.

**Is-Sentenza Appellata**

**7.** Fis-sentenza tagħha appellata l-ewwel Qorti, wara li irriproduċiet il-kontenut tar-rikors promotorju tal-ġudizzju u tar-risposta fuq imsemmija tat rendikont tal-fatti tal-kawża fil-qosor u għamlet diversi konsiderazzjonijiet li ser jiġu hawn taħt riprodotti għall-ahjar intendiment ta' dan l-appell:

"F'din il- kawża, ir-rikorrenti qed tallega diskriminazzjoni peress li meta żżewġet fl-1982, ma' raġel ta' nazzjonalita' Taljana, kellha bilfors tirrezenja mill-impjieg tagħha mad-Dipartiment tad-Dwana u tmur tgħix miegħu barra minn Malta. Meta rrizenjat hija kienet intitolata għal somma flus, u fil-fatt ingħatat is-somma ta' Lm2267.27, ekwivalenti għal €5281.33. Hi tgħid illi kieku kienet raġel u dan izzewweg mara Taljana, seta' jibqa' fl-impjieg u residenti f'Malta.

"Din il-Qorti tibda biex tirrimarka illi għalkemm ir-rikorrenti, forsi bhal diversi persuni f'dik il-habta, kienet taħt l-impressjoni li jekk tiżżewweġ kellha twaqqaf l-impjieg tagħha mal-Gvern, ma jirriżultax li fil-verita', is-sitwazzjoni legali kienet li mara impjegata mal-Gvern li tiżżewweġ bilfors trid tirrezenja. Il-pozizzjoni legali jidher li kienet li jekk mara, li jkollha impjieg mal-Gvern, tirrezenja minħabba zwieg, hija kienet tingħata somma flus (imsejha gratifikazzjoni) li kienet tiddependi fuq is-snin ta' servizz. Peress li, f'dik l-epoka, għall-habta tal-1982, ma tantx kien hawn nisa li jkomplu jahdmu wara li jiżżewġu, u peress li mar-rizenja tagħha minn mal-Gvern hi kienet tingħata somma flus, jidher li kienet dahlet il-prassi ta' rizenja mill-impjieg mal-Gvern għax hekk kien jaqbel li jsir. Fil-fatt, il-liġi (Artikolu 6 tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet) tipprovdi li meta uffiċjal mara li tkun ilha fis-servizz tal-Gvern ta' Malta għall-perjodu ta' mhux anqas minn hames snin, titlaq kariga pensjonabbli għaliex tkun iżżewġet jew ser tkun tiżżewweġ, tista' tingħatalha gratifikazzjoni. Ma kienx hemm obb liġi li titlaq mix-xogħol maz-zwieg, tant hu hekk li l-mara setgħet tirrezenja zmien wara li tiżżewweġ u xorta tkun intitolata għall-gratifikazzjoni. L-allegazzjoni li hi rrezenjat għax hekk kellha tagħmel peress li żżewġet ma tirriżultax, u, sa hawn, ma jidhirx li l-ilment tar-rikorrenti hu gustifikat.

"Il-każ tar-rikorrenti kkomplika ruhu, pero', għax hi żżewġet barrani, precizament raġel ta' nazzjonalita' Taljana, u f'dik l-epoka, dan ir-raġel, avolja zzewweg Maltija, ma kienx jakkwista cittadinanza Maltija u lanqas id-dritt li jirrisjedi b'mod permanenti f'Malta. Min-naha l-ohra, kieku raġel Malti zzewweg mara barranija, il-familja l-gdida ma kienx ikollha problemi li tissetilja hawn Malta. Din is-sitwazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, kienet diskriminatorja b'mod lampanti (ara bħala rifless fuq diskriminazzjoni, il-każ "Galea vs Chairman tal-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku et", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987).

"Hu veru li, biex ikun hemm diskriminazzjoni, wiehed irid iqabbel "like with like", jiġifieri trattament differenti f'sitwazzjonijiet analogici jew simili hafna, iżda, hawn, fil-

fatt, tezisti l-istess sitwazzjoni bi trattament differenti jiddependi biss mis-sess tal-barrani. Ma giex muri xi raguni, oggettivament gustifikabbli, li kienet tiggustifika din id-differenza. Ir-rikorrenti żżewġet raġel Taljan li, di diritto, ma kellu ebda dritt jibqa' jahdem u jgħix f'Malta, waqt li kieku raġel Malti zzewweg mara Taljana, ma kien ikun hemm problema ta' xejn.

"Id-differenza fi trattament ingħata lir-rikorrenti, cittadina Maltija, sempliciment għax hi mara. Ir-rikorrenti, darba żżewġet, kellha dritt tibni l-hajja familjari tagħha ma' żewġħa, u l-fatt li dan ma setgħetx tagħmlu hawn Malta, sempliciment għax kienet mara, għandu jitqies diskriminatorju bi vjolazzjoni tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 14 abbinat mal-artikolu 12 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, inkorporata fil- liġi Maltija bl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-liġijiet ta' Malta).

"Il-problema għar-rikorrenti hi li dan l-agir sehh fl-1982 meta żżewġet. Veru li kien fl-2010 li garrbet il-konsegwenza u dan meta irceviet pensjoni mnaqqsa, pero', dan huwa konsegwenza diretta tal-interruzzjoni fl-impjieg tagħha meta rrezenjat fl-1982. Hawnhekk mhux każ ta' applikazzjoni kontinwa tal- liġijiet in kwistjoni li qegħdin allegatament iledu d-drittijiet tar-rikorrenti (kif kien il-każ "Bugeja vs Avukat Ġenerali", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Dicembru 2009), iżda ta' fatt diskriminatorju li sehh f'mument partikolari.

"Ir-rikorrenti reggħet bdiet tahdem mal-Gvern fl-1989, pero', peress li kellha interruzzjoni fis-servizz tagħha, mhiex intitolata għall-pensjoni mit-Teżor, u kwindi qed tiehu anqas f'pensjoni minħabba dak li sehh fl-1982. Kwindi l-"fatt" li wassal għat-tnaqqis fil-pensjoni sehh fl-1982, meta r-rikorrenti rrezenjat mill-impjieg tagħha, u skond l-artikolu 7 tal-Kap. 319 imsemmi:

"*7. Ebda ksur tal-Artikoli 2 sa 18 (inkluzi) tal-Konvenzjoni jew tal-Artikoli 1 sa 3 (inkluzi) tal-Ewwel Protokoll li jsir qabel it-30 ta' April 1987 jew tal-Artikoli 1 sa 4 (inkluzi) tar-*

*Raba' Protokoll, l-Artikoli 1 u 2 tas-Sitt Protokoll jew tal-Artikoli 1 sa 5 (inkluzi) tas-Seba' Protokoll li jsir qabel l-1 ta' April 2002, ma għandu jagħti lok għal xi azzjoni taħt lartikolu 4.*"

"Kwindi, ikun inutili għal din il-Qorti li toqgħod tiddibatti aktar fuq il-materja in kwantu l-aggravju hu marbut ma' ksur tal-Konvenzjoni Ewropea, għas-semplici raguni li l-fatt li wassal għall-ilment meritu ta' din il- kawża sar qabel it-30 ta' April, 1987, u kwindi, ir-rikorrenti ma għandha ebda azzjoni (l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni hu, fil-fatt, dak li jagħti dritt ta' azzjoni għar-rimedju f'każ ta' allegazzjoni ta' xi ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali nkorporati fil-Konvenzjoni Ewropea).

"Fil-każ tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hemm l-artikolu 47(8) li jipprovdi dan li gej:

"*(8) Meta xi dispozizzjoni ta' liġi mahruga qabel il-gurnata stabbilita titqies li tkun inkonsistenti ma' xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) ta' dan il-Kapitolu, ebda persuna ma jkollha dritt għal kumpens dwar xi ħaġa magħmula skond l-awtorita' ta' dik id-dispozizzjoni qabel ma kienet hekk meqjusa bħala inkonsistenti.*"

"Issa, f'dan il-każ, kienet il-Kostituzzjoni stess li, fl-artikolu 44, tiddiskrimina bejn mara barranija li tiżżewweġ raġel cittadin Malti, u mara Maltija li tiżżewweġ raġel barrani (ara artikolu 44 (3) (4) tal-Kostituzzjoni kif kien mal-promulgazzjoni tiegħu li kien iqis bħala cittadin ta' Malta "mara" biss ta' cittadin Malti), u l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni – li jagħti protezzjoni minn diskriminazzjoni – jeskludi mill-applikazzjoni tiegħu r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-artikolu 44(3), fost ohrajn (ara s-subartikolu [7] tal-artikolu 45). Fi kliem iehor, id-diskriminazzjoni fi trattament li soffriet ir-rikorrenti kien jirriżulta mill-applikazzjoni tal-artikolu 44 (3) (4) tal-Kostituzzjoni kif kien dak iż-żmien, iżda l-artikolu 45(7) tal-istess Kostituzzjoni ma jqisx bħala diskriminatorju dak li jsir ai terminu tal-Artiklu 44 (3). Dak li sehh fl-1982 lir-rikorrenti allura ma jistax jitqies diskriminatorju għax

"protett" bl-istess Kostituzzjoni. Fl-1991, din il-"protezzjoni" tnehhiet, pero', fit-termini tal-artikolu 47(8) imsemmi, dan jgħodd għal quddiem, u mhux għal dak li sehh qabel dik is-sena.

"Din il-Qorti trid tirrileva li għalkemm dawn ir-restrizzjonijiet ma ġewx sollevati mill-intimati (u hawn din il-Qorti tiddiplora l-mod legger ta' kif l-intimati qiesu din il- kawża), din il-Qorti kienet fl-obbligu li tittrattahom, peress li z-zminijiet indikati m'humiex termini ta' preskrizzjoni, iżda perjodi li jolqtu l-applikazzjoni stess tal- liġijiet invokati, u jekk dawn il- liġijiet mhux applikabbli *rationae temporis* għall-kwistjoni, huwa dmir tal-Qorti, bħala materja ta' ordni pubbliku li ma tapplikahomx.

"Din il-Qorti hadet hsieb biex ma tissorprendix lill-partijiet b'din id-deċiżjoni tant li talbet lill-istess partijiet jittrattaw ukoll dawn il-kwistjonijiet. Hu ovvju li jekk parti titlob specifikament l-applikazzjoni ta' liġi, ifisser li skond hi, dik il- liġi hi applikabbli għall-każ tagħha, u jekk jirriżulta li ma hiex, il-Qorti ma għandha xejn aktar x'tagħmel hlief li tichad it-talba għall-applikazzjoni ta' dik il- liġi u b'hekk tichad it-talbiet tal-promotur tal-ġudizzju.

"Din il-Qorti rat il-każ "Stoner vs Onor. Prim Ministru et", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 1996, li kienet sabet li s-subinciz 4(c) tal-artikolu 44 tal-Kostituzzjoni kien diskriminatorju, mhux konformi mal-Kostituzzjoni ta' Malta u bħala tali leziv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti; dik il-Qorti, pero', ma dahlitx fl-applikazzjoni tal-artikolu 47(8) tal-istess Kostituzzjoni."

**8.** Wara dawn il-kunsiderazzjonijiet l-ewwel Qorti permezz tas-sentenza appellata iddeċidiet il-kawża kif riportat aktar 'l fuq f'din is-sentenza.

**L-Appell tal-Konvenuti Avukat Ġenerali u Ministru tal-Finanzi**

**9.** Il-konvenuti Avukat Ġenerali u Ministru tal-Finanzi hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Mejju 2011 u interponew

appell minnha permezz ta’ rikors tas-6 ta’ Ġunju 2011 fejn talbu lil din il-Qorti tiddikjara nulla dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti ddeċidiet b’mod li l-istess deċiżjoni, kif spjegat fir-rikors tal-appell, tmur oltre t-talbiet tar-rikorrenti.

**10.** Ir-raġuni ewlenija li ġabu ’l quddiem il-konvenuti appellanti in sostenn tal-appell tagħhom hija sostanzjalment li waqt li fir-rikors promotorju tal-ġudizzju r-rikorrenti talbet lill-Qorti “tiddikjara d-deċiżjoni tat-Teżor datata 18 ta’ Marzu 2010 tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi tpoggiha f’sitwazzjoni diskriminatorja a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 12 kif ukoll mal-ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Kapitlu 318 (*recte* Kapitlu 319) tal-liġijiet ta’ Malta” l-ewwel Oorti minflok ddeċidiet li “tiddikjara l-Artikoli 44(3)(4) tal-Kostituzzjoni, kif kien fl-1982, wassal għal diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti, meta iżżewwġet barrani fl-1982, tastjeni milli tipprovdi ulterjorment fuq it-talba attriċi fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-Artikolu 47(8) tal-istess Kostituzzjoni”. Il-konvenuti appellanti ħassewhom aggravati bis-sentenza msemmija in kwantu l-ewwel Qorti ddikjarat l-imsemmija Artikolu 44 (3) u (4) tal-Kostituzzjoni wasslu għad-diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti peress li dan imur oltre dak mitlub minnha u hija għalhekk *extra petita*. Waqt li t-talba tar-rikorrenti fir-rikors promotorju kienet speċifikatament mmirata lejn dikjarazzjoni li d-deċiżjoni partikolari tat-Teżor fil-konfront tagħha kienet diskriminatorja skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni l-ewwel Qorti, bla ebda riferenza għal din it-talba tar-rikorrenti, għaddiet biex tiddikjara l-Artikolu 44(3) u (4) tal-Kostituzzjoni leżivi tad-drittijiet tar-rikorrenti meta r-rikorrenti ma talbet xejn minn dan.

**Ir-Risposta tar-Rikorrenti Carmen Lanteri għar-rikors tal-appell tal-konvenuti**

**11.** Ir-rikorrenti Carmen Lanteri wieġbet għar-rikors tal-appell tal-konvenuti Avukat Ġenerali u Ministru tal-Finanzi billi sostniet li l-appell intavolat minnhom kien infondat u jista’ jitqies ukoll frivolu u vessatorju u dan għaliex ma

hemm ebda ħjiel li s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet *ultra* jew *extra petita.*

**12.** Ir-rikorrenti ssostni li l-bażi tal-kawża kostituzzjonali huwa d-diskriminazzjoni bħala leżjoni tad-dritt fundamentali tal-bniedem u fil-Kostituzzjoni ta' Malta dan id-dritt huwa sanċit fl-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni. Kumbinazzjoni (sic!) u minħabba l-lanjanza tal-attriċi rriżulta li l-Artikolu 44(3)(4) tal-Kostituzzjoni kif kien fl-1982 kien joħloq diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fil-konfront tal-attriċi. B'daqshekk, skont ir-rikorrenti, ma hemm xejn *ultra petita*. In kwantu għall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 12 tal-istess Konvenzjoni u mal-ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni ir-rikorrenti ssostni li jekk l-effett tal-Artikolu 44(3)(4) tal-Kostituzzjoni kif kien fl-1982 huwa li jivvjola l-artikolu 14 abbinat kif ingħad allura tirriżulta wkoll diskriminazzjoni skont il-Konvenzjoni u f'dan kollu ma hemm xejn li hu *extra* jew *ultra* petita. L-azzjoni kienet tirrigwarda t-trattament diskriminatorju li sofriet ir-rikorrenti u l-ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha a bażi tad-diskriminazzjoni billi semmiet proprju l-artikoli tal-liġi u ċioe` tal-Kostituzzjoni li kienu diskriminatorji.

**13.** Jekk id-Dipartiment tal-Finanzi filwaqt li segwa l-liġijiet u r-regolamenti jinstab li aġixxa b'mod diskriminatorju jsir irrelevanti li jingħad humiex il-liġijiet infushom il-fonti tad-diskriminazzjopni inkella min aġixxa skont dawk il-liġijiet għaliex fil-fatt id-diskriminazzjoni a bażi tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew a bażi tal-Artikolu 14 abbinat mal-artikolu 12 kif ukoll mal-ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni tkun irrizultat.

**L-Appell tar-Rikorrenti Carmen mart Michele Lanteri.**

**14.** Ir-rikorrenti Carmen mart Michele Lanteri ħassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Mejju 2011 u interponiet appell minnha permezz ta' rikors tad-9 ta' Ġunju 2011 fejn talbet li din il-Qorti tħassar u tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

**15.** L-aggravji ewlenin tal-appellanti Carmen Lanteri jistgħu jiġu sintesizzati kif ġej:

1. L-ewwel Qorti żbaljat meta aċċettat is-sottomissjoni tal-konvenuti li r-rikorrent ma kienetx obbligata tirriżenja mill-impieg mal-Gvern appena tiżżewweġ u ssostni li fil-fatt dan kien il-każ. Hija ssostni li l-prattika kienet li malli n-nisa mpjegati fiċ-ċivil kienu jiżżewwġu kienu jiġu mġegħla jirriżenjaw mis-servizz u kien isir applikabbli l-Artikolu 6 tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet li skont l-appellanti jippreżumi li mara fl-impieg tal-Gvern tirriżenja meta tiżżewweġ. Dan ir-rikorrenti tiddeżumih mill-fatt li l-istess dispożizzjoni tipprovdi li "uffiċjal mara li tkun ilha fis-servizz tal-Gvern ta' Malta … għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames snin, titlaq kariga pensjonabbli, li ma tkunx qed tokkupa bi prova, għaliex tkun iżżewwġet jew sejra tiżżewweġ…". Tirreferi wkoll għar-regolament 17 tal-istess Regolamenti fl-istess sens u tinsistli li uffiċjal mara impjegata mal-Gvern tirriżenja mill-impieg appena tiżżewweġ kienet parti min-normattiva tal-impieg mal-Gvern. Skont ir-rikorrenti dan ifisser li r-regola kienet li mara impjegata mal-Gvern li tiġi biex tiżżewweġ kienet mistennija li tirriżenja mill-impieg u l-Artikolu 6 tar-Regolamenti li hemm mal-Ordinanza kien jipprovdi rimedju għal din l-eventwalita`.

2. Illi l-ewwel Qorti applikat ħażin l-Artikolu 7 tal-Kap. 319 meta rrifjutat tiddibatti dwar l-aggravju taħt il-Konvenzjoni fuq il-bażi li l-fatti tal-każ kienu jirrisalu għal qabel it-30 ta' April 1987 u għalhekk ir-rikorrenti ma għandha ebda azzjoni. Ir-rikorrenti tgħid li l-ewwel Qorti naqset milli tiddstingwi bejn "il-fatt" u "l-ksur" u tgħid li l-ksur tal-Konvenzjoni kien qiegħed isir illum għalkemm il-fatti li wasslu għal dak il-ksur jirrisalu għal qabel it-30 ta' April 1987. Ir-rikorrenti ssostni li d-diskriminazzjoni qed issir illum u l-pensjoni qed titħallas illum "u mhux meta ġara l-fatt diskriminatorju".

3. Finalment l-appellanti issostni li l-ewwel Qorti żbaljat ukoll meta applikat l-Artikolu 47(8) tal-Kostituzzjoni peress li dan kien jipproteġi s-sitwazzjoni diskriminatorja meta

mara Maltija kienet tiżżewweġ raġel barrani u dik il-protezzjoni tneħħiet bl-emenda li saret fl-1991. Għalhekk, peress li skont l-appellanti d-diskriminazzjoni qed tiġi riskontrata llum b'effett ta' regime ta' pensjoni minnu nnifsu diskriminatorju dik il-protezzjoni ma għadhiex aktar operanti għal din id-diskriminazzjoni.

**Ir-Risposta tal-Konvenuti Appellati**

**16.** Il-konvenuti wieġbu għar-rikors tal-appell billi sostnew li l-appell intavolat mill-appellant mhux biss kellu jiġi miċħud iżda kellu adirittura jiġi ddikjarat frivolu u vessatorju waqt li t-talbiet tar-rikorrenti kellhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.

**L-Appell tal-Konvenuti Avukat Ġenerali u tal-Ministru tal-Finanzi.**

**17.** Il-konvenuti Avukat Ġenerali u Ministru tal-Finanzi wkoll appellaw mis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-20 ta' Mejju 2011.

**Fatti tal-Kawża**

**18.** Il-fatti tal-kawża fil-qosor ġia` ġew sintesizzati fis-sentenza appellata u jinsabu wkoll riprodotti fil-parti relevanti tal-istess sentenza miġjuba aktar qabel f'din is-sentenza u għalhekk din il-Qorti ma tarax il-ħtieġa li hawn terġa' tirripetihom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*<u>L-appell tar-rikorrenti Carmen Lanteri</u>*

*Preliminari*

**19.** Din il-Qorti ser tikkunsidra l-ewwel l-appell tar-rikorrenti Carmen mart Michele Lanteri peress li l-eżitu tiegħu jista' jinċidi fuq il-kunsiderazzjonijiet li trid tagħmel din il-Qorti dwar l-appell tal-Avukat Ġenerali u Ministru tal-Finanzi.

*L-ewwel aggravju*

**20.** Fl-ewwel aggravju tagħha ir-rikorrenti appellanti Carmen mart Michele Lanteri tirritjeni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta aċċettat is-sottomissjoni tal-konvenuti li r-rikorrenti ma kienetx obbligata tirriżenja mill-impieg mal-Gvern appena tiżżewweġ.

**21.** Ir-rikorrenti ssostni li l-prattika kienet li malli n-nisa mpjegati fiċ-ċivil kienu jiżżewwġu kienu jiġu mġegħla jirriżenjaw mis-servizz. Spettava lir-rikorrenti li tipprova din l-allegazzjoni iżda l-prova necessarja ma saritx. Setgħet kienet, kif anki kkonċediet l-ewwel Qorti, li <u>l-prattika</u> dak iż-żmien kienet li l-impjegati mal-Gvern li jiżżewwġu kienu <u>bħala fatt</u> jirriżenjaw. Iżda li huma kienu jiġu <u>mgiegħla</u> jirriżenjaw hi ħaġa għal kollox differenti u ta' dan ma nġiebet ebda prova. Ir-rikorrenti tipprova <u>tiddeżumi</u> din il-prova minn dak li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (*recte*, r-regolament 6 tar-Regolamenti fl-iskeda mal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet). Iżda, biex legittimament tkun tista' ssir l-inferenza li r-rikorrenti qed tistieden lill-Qorti biex tagħmel, il-kliem tar-regolament 6 msemmi jrid ikun tali li inekwivokament iwasslu għal dik l-inferenza. Dan iżda ma hux il-każ.

**22.** Ir-regolament 6 imsemmi jipprovdi kif ġej:

"Meta uffiċjal mara li tkun ilha fis-servizz tal-Gvern ta' Malta, sew f'kariga pensjonabbli sew le, għal perijodu ta' mhux inqas minn ħames snin, titlaq kariga pensjonabbli, li ma tkunx qed tokkupa bi prova, għaliex tkun iżżewġet jew tkun sejra tiżżewweġ, tista' tingħatalha gratifikazzjoni ta' mhux iżjed minn waħda minn tnax tal-ħlas pensjonabbli ta' xahar għal kull xahar sħiħ ta' servizz jew inkella ħlas pensjonabbli ta' sena, liema jkun l-anqas, wara li hija fi żmien sitt xhur mid-data li titlaq mis-servizz jew f'kull żmien itwal li l-President ta' Malta jista' jagħti f'xi każ partikolari, tipproduċi prova sodisfaċenti taż-żwieġ tagħha."

**23.** Ma hemm xejn fir-regolament imsemmi li b'xi mod jikkostrinġi lil mara li tiżżewweġ biex tirriżenja mill-impieg

tagħha mal-Gvern. Dak li jipprovdi l-istess regolament hu biss li fl-eventwalita` li mara impjegata mal-Gvern tiżżewweġ din tkun tista' tingħatalha gratifikazzjoni kif hemm maħsub. Ir-regolament 17 tal-istess regolamenti, li għalih ukoll saret riferenza mir-rikorrenti appellanti, huwa fl-istess sens. Jista' jiżdied ukoll li l-Artikolu 7(2) tal-Ordinanza dwar Pensjonijiet hu wkoll fl-istess sens u jipprovdi li:
"Gratifikazzjoni skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza tista' tingħata lil uffiċjal mara li titlaq mis-servizz għaliex tkun iżżewwġet jew tkun sejra tiżżewweġ, għalkemm hija ma jkollhiex dritt xort'oħra skont dan l-artikolu għall-għoti ta' xi pensjoni, gratifikazzjoni jew *allowance* oħra."

Id-disposizzjonijiet kollha relevanti, għalhekk, jipprevedu x'jista' jsir jekk tavvera ruħha certu eventwalita` iżda ma hemm xejn fihom li tipprovdili dik l-eventwalita` hi waħda mandatorja.

**24.** Mil-liġi applikabbli, għalhekk, ċertament ma jirriżultax li r-rikorrenti appellanti kienet legalment obbligata li tirriżenja mill-impieg tagħha mal-Gvern appena żżewwġet.

**25.** Anqas jista' jingħad li ġie ppruvat li b'xi mod ieħor imputabbli lill-Istat ir-rikorrenti appellanti kienet ġiet obbligata tirriżenja mill-impieg tagħha. Mill-ftit provi li ġew prodotti l-iżjed li jista' jingħad li gie ppruvat, jekk jista' jingħad li ġie pruvat xi ħaġa f'dan ir-rigward, hu li fiż-żmien relevanti jidher li l-prattika kienet li n-nisa mal-Gvern li jiżżewwġu kienu wkoll jirriżenjaw mill-impieg tagħhom. Ir-raġuni għala kien jiġri dan ma jirriżultax. Kienetx għaliex dak iż-żmien ma kienx soċjalment aċċettabbli li mara tibqa' fl-impieg wara li tiżżewweġ u dan sabiex tieħu ħsieb il-familja, kienetx tirriżenja sabiex tkun tista' tieħu l-"gratifikazzjoni" mingħand il-Gvern, jew kienetx għaliex l-impressjoni kienet li hekk kien jistenna minnha l-Gvern xejn ma gie ppruvat. Il-fatt hu li d-dispożizzjonijiet legali applikati fil-konfront tar-rikorrenti appellanti għadhom viġenti llum u ċertament llum ħadd ma jippretendi li a bażi ta' dawk id-dispożizzjonijiet hemm xi obbligu da parti ta' mara fl-impieg li tiżżewweġ li tirriżenja mill-impieg tagħha

mal-Gvern. Anqas ma nġiebet ebda prova li fiż-żmien relevanti kien hemm xi regola amministrattiva jew xort'oħra li kienet tobbliga lill-impjegati nisa li jiżżewwġu li jirriżenjaw mill-impieg tagħhom.

**26.** Għalhekk dan l-aggravju tar-rikorrenti appellanti qiegħed jiġi respint.

*It-tieni aggravju*

**27.** It-tieni aggravju tar-rikorrenti appellanti hu fis-sens li l-ewwel Qorti applikat ħażin l-Artikolu 7 Kap. 319 għaliex ma ddistingwietx meta ġara "l-fatt" minn meta ġara "l-ksur" u ssostni li għalkemm "il-fatt" li ta' lok għall-ksur ġara qabel l-1987 "il-ksur" konsegwenzjali ġara wara t-30 ta' April 1987 għaliex id-diskriminazzjoni qed issir illum u l-pensjoni qed tithallas illum "u mhux meta ġara l-fatt diskriminatorju".

**28.** F'dan l-aggravju din il-Qorti tirriskontra ftit konfużjoni fil-ħsieb tar-rikorrenti appellanti. Id-distinzjoni li tipprova tagħmel ir-rikorrenti bejn "il-fatt" u "l-ksur" hi mhux biss artifiċjuża iżda addirittura irreali u ineżistenti. Kull ksur jew vjolazzjoni ta' xi dritt fondamentali isir permezz ta' xi fatt attribwibbli lill-awtorita` pubblika. Il-ksur hu kostitwit mill-fatt u l-fatt jikkostitwixxi l-ksur.

**29.** Hu neċessarju, għalhekk, li din il-Qorti tfakkar x'kienu s-sottomissjonijiet u pretensjonijiet tar-rikorrenti Carmen Lanteri fir-rikors promotorju tal-ġudizzju. Fir-rikors tagħha Carmen Lanteri ppremettiet li:
"L-esponenti debitament intavolat appell lill-Arbitru tas-Sigurta' Soċjali sabiex tkun eżawriet kwalunwe tip ta' rimedju ordinarju mogħti fil-liġi. L-esponenti infurmat ukoll lid-Dipartiment tat-Teżor li permezz ta' ittra datata 18 ta' Marzu, 2010, bagħat jinforma lill-esponenti illi 'ma hix intitolata u s-somma mit-Teżor waħda minħabba li hemm interruzzjoni fis-servizz u dan imur kontra l-Artikolu 8 tar-Regolamenti tal-Ordinanza kif ukoll għaliex ġiet impjegata mil-ġdid fis-servizz pubbliku wara l-14 ta'Jannar 1979';

Illi għalhekk huwa effettivament l-esponenti ġiet imcahhda mill-benefiċċju soċjali u/jew pensjoni minħabba l-fatt li bħala mara li ġiet biex tiżżewweġ lil persuna li ma hix ċittadina Maltija kellha bilfors tirriżenja mix-xogħol". (sottolinear tal-Qorti)

**30.** Wara li ppremettiet dan, imbagħad, ir-rikorrenti għaddiet biex talbet lill-Qorti:
"Tiddikjara d-deċiżjoni tat-Teżor datata 18 ta' Marzu 2010, tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti billi ipoġġiha f'sitwazzjoni diskriminatorja a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 12 kif ukoll mal-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Kapitolu 318 tal-liġijiet ta' Malta." (sottolinear tal-Qorti)

**31.** Għalhekk, il-fatt diskriminatorju li skont ir-rikorrenti jikkostitwixxi l-vjolazzjoni tal-Konvenzjoni hija d-deċiżjoni tat-Teżor tat-18 ta' Marzu 2010 li permezz tagħha ġiet imċaħħda mill-benefiċċju soċjali u/jew pensjoni u sabiex jiġi determinat il-kompetenza tal-Qorti *ratione temporis* il-Qorti trid tistrieħ fuq iż-żmien tal-fatt vjolattiv tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni kif allegat fir-rikors promotorju tal-ġudizzju suġġett għall-provi li jsiru quddiemha.

**32.** Il-fatt vjolattiv tal-Konvenzjoni kif allegat u pruvat quddiem din il-Qorti, u ċioe` "d-deċiżjoni tat-Teżor" ingħatat fit-18 ta' Marzu 2010 u ċioe` avvera ruħu wara l-20 ta' April 1987. Għalhekk azzjoni taħt l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-liġijiet ta' Malta dwar dak il-fatt allegatament in vjolazzjoni tal-Konvenzjoni ma hix prekluża bl-Artikolu 7 tal-istess Kap. Iċ-ċirkostanzi li ppreċedew "id-deċiżjoni tat-Teżor" ma humiex jinġiebu 'l quddiem mir-rikorrenti bħala li jikkostitwixxu l-vjolazzjoni allegata minnu iżda bħala l-motiv għaliex ir-rikorrenti tirritjeni li "d-deċiżjoni tat-Teżor datata 18 ta' Marzu 2010 tilledi d-drittijiet fundamantali tar-rikorrenti".

**33.** Għalhekk, dan l-aggravju, għar-raġunijiet premessi – u mhux għal kollox għar-raġunijiet mogħtija mir-rikorrenti – qiegħed jintlaqa' u din il-Qorti sejra issa, għalhekk,

tikkunsidra fil-mertu t-talbiet tar-rikorrent in kwantu jirrigwardaw l-allegata vjolazzjoni l-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 12 kif ukoll mal-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Kapitolu 319 tal-liġijiet ta' Malta.

**34.** Ir-rikorrenti tgħid li d-deċiżjoni tat-Teżor datata 18 ta' Marzu 2010 tilledi d-drittijiet fundamentali tagħha a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u l-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 12 kif ukoll mal-ewwel Artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Kapitolu 318 [*recte* 319] tal-liġijiet ta' Malta. Fl-aggravi tagħha fl-appell ir-rikorrenti ma tispjegax ir-raġunijiet għal dan iżda fir-rikors promotorju tagħha tispjega li l-vjolazzjoni ġrat "minħabba l-fatt li bħala mara li ġiet biex tiżżewweġ lil persuna li ma hix ċittadina Maltija kellha bilfors tirriżenja mix-xogħol".

**35.** Din il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju tar-rikorrenti ġia` sabet li ma ġiex pruvat li r-rikorrenti "bħala mara li ġiet biex tiżżewweġ lil persuna li ma hix ċittadina Maltija kellha bilfors tirriżenja mix-xogħol". Għalhekk ma ġietx pruvata r-raġuni miġjuba 'l quddiem mir-rikorrenti tal-allegata diskriminazzjoni sottostanti d-deċiżjoni impunjata tat-Teżor datata 18 ta' Marzu 2010 fuq msemmija.

**36.** Barra minn hekk, anqas ġie pruvat li fid-deċiżjoni hawn impunjata mir-rikorrenti tat-18 ta' Marzu 2010 it-Teżor ta lir-rikorrenti xi trattament divers milli kien jagħti lil kwalunkwe persuna fil-pożizzjoni tagħha. Il-bażi tad-deċiżjoni tat-Teżor kienet l-interruzzjoni tas-servizz tagħha mal-Gvern u l-fatt li meta reġgħet lura mal-Gvern dan kien wara l-14 ta' Jannar 1979. Ma ġiex muri li xi persuna jew persuni oħra li kellhom s-servizz mal-Gvern interrott bħal ma kellha r-rikorrenti u fl-istess ċirkostanzi tagħha u li daħlu lura fis-servizz tal-Gvern wara l-14 ta' Jannar 1979 ingħataw il-pensjoni jew benefiċċju li ġew miċħuda lir-rikorrenti.

**37.** Għalhekk ma ġietx pruvata l-allegata diskriminazzjoni bid-deċiżjoni impunjata tat-Teżor datata 18 ta' Marzu 2010 fuq msemmija bi ksur tal-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni anki kieku l-fatt allegat kien b'xi mod

jinċidi fuq id-dritt sanċit bl-Artikolu 12 imsemmi li ma jirriżultax li hu l-każ. Ma hemm xejn f'dak allegat mir-rikorrenti, wisq anqas f'dak ippruvat minnha, li juri li r-rikorrenti ġiet privata mid-dritt tagħha li tiżżewweġ u li jkollha familja skont il-liġijiet ta' Malta li jirregolaw l-ezercizzju ta' dak id-dritt. Di fatti r-rikorrenti żżewġet Malta skont il-liġijiet ta' Malta.

**38.** Essenzjalment l-istess konsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni msejjsa fuq l-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kovenzjoni għaliex kif ingħad dak li r-rikorrenti qegħdha titlob hu li "d-deċiżjoni tat-Teżor datata 18 ta' Marzu 2010" tiġi dikjarata li tilledi d-drittijiet fundamentali tagħha msemmija mentri kif ġia` spjegat ma ġie pruvat b'ebda mod li meta l-awtoritajiet ħadu dik id-deċiżjoni hija ngħatat xi trattament divers milli kienet tingħata lil kwalunkwe persuna fil-pożizzjoni tagħha.

**39.** Għaldaqstant, fil-mertu, ma jirriżultax li d-deċiżjoni tat-Teżor tat-18 ta' Marzu 2010 tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti sanċiti bl-Artikolu 14 abbinat mal-Artikolu 12 u, jew, mal-ewwel (1) Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenżjoni fl-Ewwel Skeda tal-Kapitlu 319 tal-liġijiet ta' Malta.

*It-tielet aggravju*

**40.** It-tielet aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti żbaljat ukoll meta applikat l-Artikolu 47(8) tal-Kostituzzjoni peress li dan kien jipproteġi s-sitwazzjoni diskriminatorja meta mara Maltija kienet tiżżewweġ raġel barrani u peress li dik il-protezzjoni tneħħiet fl-1991 dik il-protezzjoni ma kinitx aktar operattiva fir-rigward tad-diskriminazzjoni li allegatament sofriet ir-rikorrenti peress li dik id-diskriminazzjoni, skont ir-rikorrenti, qed tiġi riskontrata llum b'effett ta' regime ta' pensjoni minnu nnifsu diskriminatorju.

**41.** Il-Qorti tagħmel riferenza għall-konsiderzzjonijiet tagħha rigward it-tieni aggravju fejn ġia` stabbiliet li dak li qegħdha titlob ir-rikorrenti hu li tiġi dikjarata leziva tad-drittijiet fundamentali tagħha <u>d-deċiżjoni tat-Teżor</u> tat-18

ta' Marzu 2010. Il-Qorti ma hix tintalab tiddikjara li xi disposizzjoni ta' liġi maħruġa qabel il-ġurnata stabbilita titqies li tkun inkonsistenti ma' waħda mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni kif postulat fis-subartikolu (8) tal-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni u għalhekk dak is-subartikolu, kuntarjament għal dak ritenut mill-ewwel Qorti, ma jagħmilx għall-vjolazzjoni allegata mir-rikorrenti.

**42.** Iżda, anki kieku l-vjolazzjoni allegata kienet l-inkonsistenza tal-Artikolu 44(3)(4) tal-Kostituzzjoni kif kien fl-1982 ma' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni xorta waħda l-artikolu 47(8) tal-Kostituzzjoni ma kienx ikun applikabbli. Dan għaliex skont l-Artikolu 124 tal-Kostituzzjoni "il-ġurnata stabbilita" tfisser il-21 ta' Settembru 1964. Għalhekk l-Artikolu 44(3) u (4) tal-Kostituzzjoni kif kienu fl-1982 ma kienux għadhom inħarġu qabel il-ġurnata stabbilita għaliex inħarġu fil-ġurnata stabbilita tenut kont tal-fatt li l-Kostituzzjoni saret parti mil-liġijiet ta' Malta proprju fil-21 ta' Settembru 1964. Għalhekk l-Artikolu 47(8) tal-Kostituzzjoni xorta ma kienx jagħmel għall-każ għaliex din il-Qorti ma kienetx tkun qed tintalab tiddikjara li xi disposizzjoni ta' liġi maħruġa qabel il-ġurnata stabbilita titqies li tkun inkonsistenti kif ingħad.

**43.** Għaldaqstant, għalkemm mhux għal kollox għar-ragunijiet mogħtija mir-rikorrenti, dan l-aggravju tar-rikorrenti ser jiġi milqugħ u l-Qorti sejra issa għalhekk tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fil-mertu tal-allegazzjoni li d-deċiżjoni tat-Tezor tat-18 ta' Marzu 2010 tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti a tenur tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u b'hekk, wara l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar it-tieni aggravju, tkun irrikonsidrat il-mertu kollu tar-rikors promotorju tal-ġudizzju.

**44.** Minħabba ċertu taħwid fin-numri tal-artikoli tal-Kostituzzjoni ċitati mir-rikorrenti fir-rikors promotorju in sostenn tal-allegata vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni ma hux ċar x'eżatt qegħdha tippretendi r-rikorrenti fir-rikors tagħha. Naturalment ir-rikorrenti ma tistax tbiddel u tvarja dak pretiż fir-rikors promotorju tal-ġudizzju billi tfittex li

tisposta dak pretiż fir-fl-istess rikors billi taġġusta u tfassal kif jidhrilha s-sottomissjonijiet tagħha fin-noti tal-osservazzjonijiet tagħha jew fl-atti l-oħra tal-proċess sabiex tilqa' għall-oġġezzjonijiet li tiġi konfrontata bihom fil-kors tal-proċeduri mingħajr ma tal-anqas titlob u tingħatha korrezzjoni fir-rikors promotorju tal-ġudizzju.

**45.** Fir-rikors promotorju tal-ġudizzju r-rikorrenti tallega "ksur manifest tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta". Ma tallega ebda ksur ta' xi artikolu ieħor tal-Kostituzzjoni. L-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ma jħares ebda dritt sostantiv tal-individwu u wisq anqas xi dritt kontra diskriminazzjoni. Jipprovdi biss għal dispożizzjonijiet ta' natura proċedurali.

**46.** L-artikolu tal-Kostituzzjoni li speċifikatament jittratta minn diskriminazzjoni hu l-Artikolu 45 u din il-Qorti, għalkemm tiddeplora din it-tip ta' leġġerezza manifestata fil-fatt miż-żewġ partijiet in kawża għal diversi ragunijiet li din il-Qorti ma jidhrilhix li hu l-każ li toqgħod tissottolinea, sejra tikkunsidra r-riferenza għall-Artikolu 46 bħala riferenza għall-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

**47.** Ġia` ġie stabbilit li l-fatt vjolattiv tal-Kostituzzjoni kif miġjub fir-rikors imsemmi hu "d-deċiżjoni tat-Teżor datata 18 ta' Marzu 2010". Ma rriżultax li b'dik id-deċiżjoni r-rikorrenti ingħatat xi trattament divers minn dak li kienet tingħatha kwalunkwe persuna oħra fl-istess ċirkostanzi tar-rikorrenti fiż-żmien meta ingħatat id-deċiżjoni tat-Teżor. Għalhekk ma gietx ippruvata li saret xi diskriminazzjoni mar-rikorrenti b'dik id-deċiżjoni. A skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti tagħmel ukoll riferenza għall-konsiderazzjonijiet l-oħra tagħha dwar it-tieni aggravju rigward l-element tal-allegata diskriminazzjoni.

**48.** Għalhekk ma jirriżultax li d-deċiżjoni tat-Teżor datata 18 ta' Marzu 2010 tilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti sanċit bl-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni.

*L-appell tal-Avukat Ġenerali u Ministru tal-Finanzi*

**49.** Il-Qorti ser issa tikkunsidra l-appell tal-konvenuti Avukat Generali u Ministru tal-Finanzi li jsostnu li meta l-ewwel Qorti ddikjarat li l-Artikolu 44(3)(4) tal-Kostituzzjoni kif kien fl-1982, wassal għal diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti Carmen mart Michele Lanteri meta din iżżewwġet barrani fl-1982 dik il-Qorti marret 'l hinn minn dak mitlub lilha u għalhekk dik il-parti tas-sentenza hi nulla in kwantu *extra petita*.

**50.** Jibda biex jingħad li meta tiġi adita fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha din il-Qorti għandha diskrezzjoni ħafna akbar milli għandhom il-Qrati f'materja ordinarja ċivili jew kummerċjali u anzi ġie ritenut li fejn si tratta ta' allegazzjoni ta' vjolazzjoni li ser tiġri fil-futur din il-Qorti fil-każijiet kongruwi għandha addirittura l-obbligu li biex tagħti rimedju effiċjenti tmur *extra petita*[1]. Fir-rimedji li setgħet tagħti, l-ewwel Qorti ma kinitx vinkolata bit-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors promotorju. Għalhekk l-aggravju tal-konvenuti appellanti kif miġjub 'il quddiem minnhom ma hux għal kollox ben fondat. Jibqa' l-fatt, iżda, li din il-Qorti ma sabitx li d-deċiżjoni tat-Teżor tat-18 ta' Marzu 2010 kienet tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Carmen mart Michele Lanteri kif minnha allegat fir-rikors promotorju tagħha, u din il-Qorti wkoll, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk tal-ewwel Qorti, ma sabet ebda tali vjolazzjoni. Fin-nuqqas ta' sejbien tal-vjolazzjoni allegata ma hu dovut lir-rikorrenti Carmen mart Michele Lanteri ebda rimedju u għalhekk l-appell tal-Avukat Ġenerali u Ministru tal-Finanzi ser jiġi milqugħ, ghalkemm mhux neċessarjament għall-istess raġunijiet mogħtija mill-istess appellanti msemmija.

## Decide

Għall-motivi premessi il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrenti Carmen mart Michele Lanteri u minn dak tal-intimati Avukat Ġenerali u l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi billi tħassar is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti Carmen mart Michele Lanteri fil-mertu.

[1] Ara Qorti Kostituzzjonali, Il-Pulizija v. Carmelo sive Charles Ellul Sullivan et., 24 ta' Jannar 1991

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------